# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Kumpilazzjoni Nru.: 323/2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**-Vs-**

**GAVIN SPAGNOL**
(I.D. 145896M)
**ALVIN PULLICINO**
(I.D. 124091M)

**Illum, 8 ta' Jannar, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat illi **GAVIN SPAGNOL** detentur tal-karta tal-identita numru 145896M u **ALVIN** detentur tal-karta tal-identita numru 124091M, tressqu quddiemha akkuzati talli nhar il-21 ta' Settembru, 2016, gewwa Triq Sant'Antnin, Marsaskala, gewwa dawn il-Gzejjer ghall-habta ta' bejn it-tmienja u tmienja u kwart ta' filghaxija (2000hrs - 2015hrs):-

a. ikkagunaw ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' ***Christian Muscat*** u ***Michelle Muscat***, fejn xejru daqqiet b'oggett iebes, turnavit, f'diversi partijiet tal-gisem ta' ***Christian Muscat*** u ***Michelle Muscat***

b. talli volontarjament ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' ***Christian Muscat*** billi xejru daqqiet b'armi irregolari, turnavit, hekk kif iccertifika Dr Aaron Schembri (Reg No 4001)

c. talli volontarjament ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' ***Michelle Muscat*** billi xejru daqqiet b'armi irregolari, turnavit, hekk kif iccertifika Dr Kelly Gall (Reg No 5734)

F'kaz ta htija il-Qorti hija gentilment mitluba tapplika 1-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq,

Illi l-Qorti giet mitluba wkoll li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra ***Gavin Spagnol*** u ***Alvin Pullicino*** a beneficju ta' ***Michelle Muscat*** u ***Christian Muscat*** li dan fit-termini tal-Artikolu 412C \al-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' Assenjazzjoni ta' kawza moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef datat 5 ta' Ottubru 2018;

Rat it-traskrizzjonijiet tad-depozizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat li giet ezentata mill-partijiet milli terga' tisma' x-xhieda li kienu xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-18 ta' Marzu, 2019 li permezz taghha baghat lill-imputati sabiex jigu ggudikati minn din il-Qorti[1];

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Marzu, 2019 l-imputati fil-prezenza tal-avukati taghhom iddikjaraw li m'ghandhom l-ebda oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza, waqt l-udjenza tal-31 ta' Ottubru 2019;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan il-kaz jikkoncerna glieda li sehhet nhar il-21 ta' Settembru, 2016 fi Triq Sant'Antnin, Marsaskala, li fiha allegatament gew aggrediti Christian Muscat u Michelle Muacat, u dan allegatament anke bl-uzu ta' strument bil-ponta li gie indikat bhala turnavit, u soffrew griehi l-imsemmija Christian Muscat u Michelle Muscat kif ukoll l-imputat Gavin Spagnol. Mill-provi jirrizulta wkoll illi kien hemm retroxxena ghal dan l-incident, konsistenti f'incident precedenti li fiha tlewmu Christian Muscat u hu l-imputat Gavin Spagnol fil-festa ta' Haz Zabbar, liema tilwima wasslet ghal episodju iehor ftit granet wara, bejn l-imputat Spagnol innifsu u l-istess Muscat.

**PROVI**

[1] Fol. 153.

In linea ta' provi, il-Prosekuzzjoni ressqet l-istqarrija rilaxxata mill-imputat Gavin Spagnol fit-22 ta' Settembru 2016[2], liema stqarrija izda, il-Qorti tqis li ma ghandhiex tiehu konjizzjoni taghha galadarba din giet rilaxxata fi zmien meta l-imputat, allura suspettat, ma kellux dritt ghal assistenza legali waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija. Effettivament f'dan il-kaz l-istqarrija ttiehdet minghand l-imputat Spagnol minghajr lanqas ma nghatalu d-dritt li jaghzel li jkollu l-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ghaliex il-ligi dak iz-zmien ma kienetx tippermetti illi suspettat ikollu assistenza legali **waqt** li jigi interrogat, izda kienet tippermetti biss illi suspettat jithalla jikkonsulta ma' avukat **qabel** ma jigi interrogat.

Il-gurisprudenza l-aktar recenti tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom is-sentenzi fl-ismijiet **Gordi Felice vs Avukat Generali**[3] u **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[4], kif ukoll il-provvediment moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Jannar 2020 fil-kawza **Il-Pulizija vs Carmel Polidano et**, ilkoll moghtija fuq l-iskorta ta' diversi decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, pacifikatament tirritjeni li r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob li jkun hemm dritt ghall-assistenza legali f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Fil-kaz deciz recentement mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Fazli Kaya vs Turkey**[5], gie effettivament ribadit illi jkun hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq meta l-akkuzat ma jkollux jedd ghall-assistenza tal-avukat matul l-interrogazzjoni ghaliex il-ligi tal-pajjiz ma tkunx tippermetti din l-assistenza.

Illi f'Settembru tas-sena 2016, meta ttiehdet l-istqarrija tal-imputat Spagnol, il-provvedimenti tal-Kodici Kriminali ma kienux konformi mad-dettami tad-dritt ghal smigh xieraq kif enuncjat fil-gurisprudenza fuq citata, u kif inhuma ezistenti llum wara l-promulgazzjoni tal-Att LI tal-2016 li gie fis-sehh f'Novembru 2016, ghaliex

---

[2] Fol. 3 *et seq*.
[3] Deciza fis-27 ta' Novembru 2017.
[4] Deciza fil-5 ta' Ottubru 2018.
[5] Appl. No. 24820/05, deciz 17/09/2015.

dak iz-zmien id-dritt ta' assistenza legali kien ristrett ghal siegha qabel l-interrogazzjoni u b'hekk, kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogazzjoni.

Fis-sentenza taghha tal-14 Dicembru 2018, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk in propositu:-

*"... il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"[6]

Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi, anke fil-kaz odjern fejn l-istqarrija tal-imputat ittiehdet fi zmien meta d-dritt tas-suspettat li jkollu assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, kien ghadu ma dahalx fis-sehh, is-salvagwardji necessarji kontra l-periklu li ssehh lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-persuna akkuzata, kienu mankanti, u huwa immaterjali l-fatt illi s-suspettat seta' zamm is-silenzju jew ma jkunx ghamel dikjarazzjonijiet inkriminanti waqt l-interrogazzjoni. Il-korollarju necessarju ta' dan huwa illi kull haga li jkun intqal jew ma jkunx intqal mis-suspettat waqt l-interrogazzjoni minghajr dawk is-salvagwardji kontra r-riskju ta' intralc tad-dritt ghal smigh xieraq, ghandha titqies bi skrutinju strett fil-proceduri kriminali li jkunu eventwalment ittiehdu kontra l-istess persuna.

Mehud qies tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula, il-Qorti tqis li sabiex jigi evitat li l-proceduri odjerni jigu kompromessi b'xi forma ta' irregolarita` li tista' twassal ghall-

[6] Il-Pulizija vs Aldo Pistella.

ksur tad-dritt tal-imputat ghal smigh xieraq u ghat-thassir tal-process kollu, ma ghandhiex taghmel uzu minn jew referemza ghall-kontenut tal-imsemmija stqarrija tal-imputat meta tigi biex tqis il-provi migjuba f'dawn il-proceduri.

Il-Prosekuzzjoni ressqet ukoll diversi xiehda li ddeponew f'dawn il-proceduri, izda dawk li huma relevanti huma s-segwenti:-

Fit-12 ta' Ottubru, 2017 xehdet **Michelle Muscat**[7] fejn qalet illi hija marret tiekol mat-tifel taghha Christian f'Wied il-Ghajn. Christian qalilha li kien sejjer jixtri ikel Ciniz minn hanut fil-qrib u meta rat li binha kien qed idum, hija marret tfittxu u sabitu jaqla' turnavit li kien imdahhal fi spalltu x-xellugija u rat lill-imputat Gavin Spagnol jaqbad lil binha minn ghonqu. Hija ppruvat tghin lil binha izda qalghet daqqa go rasha, fuq wara. Ix-xhud kompliet tghid illi waqt li kienet fl-art, xi hadd taha daqqa ta' sieq f'wiccha u kisrulha mniehirha. Fissret ulterjorment illi hija qalghet daqqa ta' turnavit f'daharha u ohra f'dirghajha x-xellugija. Dwar l-involviment tal-imputat Alvin Pullicino fil-glieda, ix-xhud qalet li ratu "*qabad gebla daqshekk u beda jghidli ingarahielek, ingarahielek.*"

Fl-istess udjenza tat-12 ta' Ottubru 2017 xehed **Christian Muscat**[8] li in sostanza qal illi huwa kien hdejn ommu jiekol pizza meta ddecieda li jmur jixtri ikel Chinese take-away. Fil-hanut tal-ikel ra li kien ghadu kif dahal l-imputat Gavin Spagnol u jghid illi '*fi x'hin rajtu jien dort halli ma narax porvli jien u ghidt issa mmur nixtri minn Chinese iehor'*[9]. Ikompli jispjega illi dak il-hin l-imputat fetah il-bieb, kellmu bi kliem oxxen u waqt li kienu fil-parapett tal-hanut, hass daqqa ta' tornavit diehel go spalltu u kif dar, l-istess imputat qabdu minn ghonqu. Ix-xhud qal li huwa pprova jaqilghu minn fuqu u bdew jigru ma' kullimkien u waqqghu l-imwejjed kollha u sadanittant giet ommu Michelle Muscat u pprovat tferraqhom. Dak il-hin ix-xhud jara karozza tieqaf hdejn il-hanut tal-pastizzi Maxims u jara bniedem gej b'girja u jaghti

[7] Fol. 20 *et seq*.
[8] Fol 28 *et seq*.
[9] Fol. 28

daqqa lil ommu. Ra li ommu qalghet ukoll daqqa ohra b'xi haga li ma jafx x'inhi minghand din l-istess persuna li huwa identifikaha bhala l-imputat Alvin Pullicino li skont ix-xhud qatt ma rah qabel. Meta rega' gie mistoqsi, ix-xhud ikkonferma li huwa ma rax kif ommu qalghet id-daqqa u lanqas ra min tahielha d-daqqa. Qal ukoll li Alvin Pullicino qabad gebla minn mal-art, beda jhedded lil ommu li ser iwaddabhielha u lilu heddu wkoll bil-kliem "*dak li ma hadux familtkom kollu intom ha tiehduh*". Ix-xhud qal illi bhala rizultat tal-glieda qala' daqqa go spalltu, u griehi u daqqiet go rasu. Jinnega illi huwa kellu katina f'idejh dak il-hin tal-glieda u jinsisti li kellu biss mazz cwievet b'cinga zghira li mhux tal-hadid, u ma jiftakarx li kellu mobile fuqu dak il-hin.

Fil-15 ta' Frar 2018, xehdet **Kyra Mariah Scicluna**, it-tfajla ta' Gavin Spagnol. In succint, ix-xhud xehdet illi hi u Gavin kienu miftehmin ma' koppja ohra Shaun Spiteri u Vanessa Grech biex imorru jieklu f'restaurant u kif ipparkjaw fit-triq, raw lil Chris Muscat jistenna barra l-hanut. Huma ma waqfux biex ikellmu lil Chris u baqghu mexjin normali sakemm dahlu fil-hanut tal-ikel Ciniz, izda Chris gie warajhom, beda jaghmel xi sinjali minn wara l-bieb tal-hanut u fetah il-bieb. Billi kien qieghed jaghmel sinjali lil xi hadd barra l-hanut, hi u Gavin hargu barra u Gavin u Chris gew fl-idejn. Imbaghad wara ftit sekondi kif hargu mill-bieb giet omm Chris, Michelle, li kellha mazz ta' cwievet f'idejha u huma qabdu jaghtu lil Gavin. Omm Chris bdiet twaddab l-ash trays u qalbu l-imwejjed. Ix-xhud qalet ukoll illi hija bdiet taghmel is-sinjali lil sid il-hanut biex icemplu lill-Pulizija u mbaghad waslu l-Pulizija fuq il-post.

Skond ix-xhud, Gavin ma kellu xejn f'idejh izda Chris kellu katina u ommu kellha c-cwievet f'idejha izda ma tafx jekk xi hadd giex milqut b'din il-katina jew il-mazz cwievet. Cahdet illi kien hemm xi haddiehor involut f'din il-glieda. Fl-ebda mument ma rat lil Alvin Pullicino, li hija taf li jigi l-kugin ta' Gavin, u tikkonferma illi mhux minnu li Alvin kien prezenti waqt dan l-episodju.

Fl-4 ta' Ottubru 2018, **P.C. 1569 Daryl Farr** xehed illi fil-21 ta' Settembru 2016 ghall-habta tat-8.15 p.m., ircieva telefonata gewwa l-Ghassa ta' Marsascala mill-Control Room tal-Pulizija fejn P.C. 521 kien infurmah li fi Triq Sant'Antnin fejn il-Grand China kien hemm glieda kemmxejn kbira. Flimkien ma' PC 287 ix-xhud kien mar immedjatament fuq il-post izda ma sabu lil hadd. Ftit wara marru fil-bandli li qieghed vicin tal-Grand China u kienu sabu lil certu Christian Muscat u Michelle Muscat fejn dawn deheru agitati u kellhom xi griehi wkoll fuq gisimhom. Meta gew mistoqsija x'kien gara, Christian Muscat qallu li Gavin kien mar iparla fil-vojt u li kien qala' daqqa ta' turnavit minghandu, kemm huwa kif ukoll ommu Michelle. Michelle Muscat qalet lix-xhud li rat lit-tifel jigi llokkjat minn persuna u malli marret biex twaqqfu dan taha daqqa ta' turnavit. Ix-xhud qal li huwa cempel ghal ambulanza pero` qabel telqu huwa kien staqsa lil Michelle Muscat u lil binha min kien l-aggressur u huma indikaw certu Gavin Spagnol. Huwa baghat ghal Gavin u ghat-tfajla tieghu Kyra Mariah fejn ha l-verzjoni taghhom dwar il-fatti li sehhew in konnessjoni mal-glieda in kwistjoni[10]. Meta giet mitkellma it-tfajla ta' Gavin, Kyra, din kienet stqarret li kienet rat lil Gavin ecitat u kienet qaltlu biex ma jaghmilx kummiedji u li rat persuna riesqa lejhom b'xi katina f'idejha u lil Gavin b'xi haga f'idu u meta nfetah il-bieb, l-gharus taghha kien ta s-salt u qabdu jaghtu.

Ix-xhud meta gie mistoqsi jekk issemmiex lilu li kien hemm xi persuna ohra li kien involut fil-glieda barra Christian u ommu, wiegeb li kien hemm involuti "*Christian, ommu u Gavin, dawk it-tlieta*"'. Ix-xhud cahad illi gie msemmi li kien hemm prezenti waqt il-glieda l-imputat Alvin Pullicino.

**It-Tabib Dr. Aaron Schembri** kkonferma[11] ic-certifikat mediku rrilaxxat minnu fil-21 ta' Settembru, 2016[12] fil-konfront ta' Christian Muscat. Ix-xhud ikkonferma illi l-

---

[10] Il-Qorti hawnhekk tissenjala illi peress li ma jirrizultax li lil Gavin Spagnol inghatalu l-fakolta` li jikkonsulta ma' avukat qabel irrilaxxa din il-verzjoni u d-drittijiet ohrajn spettanti lil persuna suspettata li wettqet reat kriminali, ma hijiex sejra tiehu konjizzjoni ta' din il-parti mix-xhieda ta' P.C. 1569 Daryl Far.
[11] Fol. 76.
[12] Fol. 6.

griehi kienu ta' natura hafifa[13], tant illi fic-certifikat rilaxxat minnu dawn gew klassifikati minnu bhala griehi superficjali u osserva illi mill-x-rays ma seta' jara ebda fratturi evidenti.

**It-Tabiba Dr. Kelly Gatt** xehdet[14] dwar ic-certifikat mediku rrilaxxat minnha fil-21 ta' Settembru, 2016 fil-konfront ta' Michelle Muscat[15], u affermat illi n-natura ta' dawn il-griehi kienu *slight save complications*.

**It-Tabiba Dr. Marie Ciantar** fix-xhieda taghha[16] ikkonfermat illi hija kienet rilaxxat ic-certifikat mediku esebit a fol. 5 tal-atti wara li kienet ezaminat lil Gavin Spagnol u kkostatat illi kellu zewg tbengiliet fuq il-mohh, in-naha tal-lemin, hmura fuq il-widna x-xellugija, zewg girfiet parallel quddiem il-widna xellugija, kif ukoll zewg girfiet fuq id-dahar, liema griehi hija klassifikat bhala hfief.

Ikkunsidrat;

**Kwantu ghall-imputat Alvin Spagnol**, il-Qorti tibda biex tosserva illi ma hijiex moralment konvinta bl-involviment tieghu fl-incident li allegatament wassal sabiex wegghu Christian Muscat u ommu Michelle Muscat. Il-Qorti fir-rigward qieghda taghti piz lit-testimonjanza ta' Kyra Mariah Scicluna li kienet l-unika xhud okulari tal-kollutazzjoni li ma kienetx attivament involuta fl-istess glieda. Din ix-xhud eskludiet b'mod kategoriku li kien hemm terza persuna li kienet prezenti waqt il-glieda bejn l-imputat Spagnol, Christian Muscat u ommu, u affermat li ebda persuna ohra ma ndahlet biex tferraq lil dawk li kienu involuti. Mistoqsija specifikatament, ix-xhud iddikjkarat illi Alvin Pullicino ma kien f'ebda hin prezenti waqt l-incident in kwistjoni

---

[13] Skont dan ic-certifikat dawn il-griehi kienu jikkonsistu fis-segwenti:-*1) small 2cm abrasion on right occiput; 2) LCW on left frontal region; 3) Right chest approx. 3rd rib level superficial LCW of 0.5cm; 4) Left posterior shoulder puncture wound of approx. 0.3cm diameter; 5) Left anterior shoulder wound of approx. 0.2cm.*

[14] Fol. 78.

[15] Skont dan ic-certifikat, esebit a fol. 7 tal-atti, dawn il-griehi kienu:- *1) 0.5cm puncture wound left arm. No exit site on contralateral end; 2) small 2cm LCW right para-spinal not requiring sutures; 3) fractured nasal bone; 4) abrasions on right knee.*

[16] 4 ta' Ottubru 2018.

u lanqas kien ghadda mill-akkwati bil-karozza. Din il-verzjoni effettivament giet konfermata wkoll minn P.C. 1569 Daryl Farr li jirrizulta illi kien mar fuq il-post minnufih wara li dahal rapport dwar glieda li sehhet fi Triq Sant'Antin gewwa Marsascala, u sab lil Christian Muscat u lil Michelle Muscat li tawh il-verzjonijiet taghhom dwar dak li kien gara. Ix-xhud afferma illi l-allegati vittmi ma semmewx li kien hemm persuna ohra li kien qed jiggieled barra Christian Muscat, ommu u Gavin Spagnol u eskluda wkoll illi gie indikat lilu l-isem ta' Alvin fil-verzjonijiet li tawh il-persuni involuti fl-alterkazzjoni. Ma jirrizultax lanqas illi meta huwa kellem lill-imputat Gavin Spagnol sussegwentement, kien semma l-involviment ta' xi persuna ohra fil-glieda.

Effettivament, il-verzjonijiet moghtija mill-imsemmija Michelle Muscat u Christian Muscat *a tempor vergine*, jirrizultaw mill-okkorrenza datata 21 ta' Settembru 2016[17] liema dokument, ghalkemm ma saret ebda referenza ghalih mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, ikompli jafferma ulterjorment illi immedjatament wara l-kollutazzjoni, l-allegati vittmi kienu indikaw biss u esklussivament l-imputat Spagnol bhala l-aggressur taghhom u mhux lill-imputat Pullicino li effettivament, ma ssemma bl-ebda mod hlief wara ben ghaxar xhur fl-20 ta' Lulju 2017, meta Michelle Muscat dehrilha li kellha tmur ghand il-Pulizija biex "*taghti l-verzjoni taghha kompluta ta' x'gara dakinhar tal-incident*".

Mill-atti jirrizulta illi kien hawnhekk, cioe` fl-20 ta' Lulju 2017 li ghall-ewwel darba, l-imputat Alvin Pullicino tqieghed fuq ix-xena tad-delitt in dizamina. Mill-aggornament relattiv riprodott fl-okkorrenza, jirrizulta illi fl-20 ta' Lulju 2017 Michelle Muscat kienet irrapportat lis-Surgent tal-Pulizija bin-numru P.S. 692[18] illi waqt li binha kien qed jissielet mal-imputat Spagnol fil-21 ta' Settembru 2016, "*waqfet vettura bajda fejn il-Mc Sims u rajt lil Alvin gej ghalija b'katina u beda jtini go rasi fejn jien sturdejt u xi hadd minnhom tani daqqa ta' sieq go imniehri … Alvin*

[17] A fol. 10 *et seq.*

[18] Dan l-ufficjal tal-Pulizija ma xehedx quddiem il-Qorti stante illi l-Prosekuzzjoni giet ezentata mid-difiza milli tipproduci lilu, fost ufficjali ohrajn tal-Pulizija, bhala xhud dwar l-involviment tieghu fil-kaz.

*umbad* [*sic.* "imbaghad"] *qabad gebla kbira u beda jigri wara t-tifel sabiex iwaddabhielu ...*"[19] Ziedet tghid ukoll fl-istess verzjoni illi wara li hija telqet minn fuq il-post wara l-glieda u marret biex tkompli tiekol fl-istabbiliment Summer Nights, regghu gew l-imputati Spagnol u Pullicino sabiex ikomplu jsawtuha "*izda fil-pront waslu l-Pulizija u anke l-ambulanza fejn jien tlajt gol-amblanza u mort l-isptar*".

Madanakollu, u minghajr qies tal-fatt illi l-presenza tal-imputat Pullicino fil-fatti li taw lok ghall-imputazzjonijiet odjerni, giet eskluza inekwivokabbilment mill-uniku xhud okulari Kyra Mariah Scicluna kif ukoll mill-ufficjal tal-Pulizija li sab lill-allegati vittmi minnufih wara l-incident, il-Qorti tosserva illi l-verzjoni ta' Michelle Muscat moghtija minn jeddha kwazi sena wara l-incident, ma hijiex konvincenti. Dan qed jinghad mhux biss ghaliex ma jirrizultax li x-xhud kienet impedita b'xi mod milli taghti verzjoni shiha b'mod tempestiv dwar il-fatti relevanti tal-kaz, izda wkoll ghaliex din il-verzjoni sussegwenti tikkozza mhux ftit mal-verzjoni moghtija *a tempor vergina* sija taghha kif ukoll ta' binha. B'zieda mal-fatt illi huwa evidenti, kif rajna, illi inizzjalment hadd ma semma l-involviment tal-imputat Pullicino fil-glieda u fil-griehi allegatament sofferti mill-allegati vittmi - tant illi Michelle Muscat fl-ewwel verzjoni taghha riprodotta fl-okkorrenza, kienet inekwivoka dwar min kien l-aggressur taghha - jigi osservat illi fit-testimonjanza taghhom quddiem il-Qorti, la Michelle Muscat innifisha u lanqas binha ma xehdu illi hija regghet giet aggredita mill-imputati fir-restaurant fejn marret tkompli bl-ikla taghha wara l-incident. Huwa sinifikanti wkoll ghall-Qorti illi ghalkemm fl-ewwel verzjoni taghha Michelle Muscat kienet inekwivoka illi kien l-imputat Spagnol li kien taha daqqa ta' sieq go wiccha, fit-tieni verzjoni taghha, sija dik li giet riprodotta fl-okkorrenza u sija wkoll fit-testimonjanza quddiem il-Qorti, Michelle Muscat ghal xi raguni li ftit hija spjegabbli, donnha lahqet nesiet min miz-zewg imputati kien l-aggressur li taha l-istess daqqa ta' sieq.

B'zieda mal-premess il-Qorti ma tistax ma tqisx l-allegat involviment tal-imputat Pullicino f'dawn il-proceduri b'certu cirkospezzjoni meta tqis ukoll illi ma jirrizultax

[19] Vide fol. 13.

li gew kondotti xi investigazzjonijiet ulterjuri mill-Pulizija bil-mira li tigi stabbilita l-prezenza o meno tieghu fuq il-post, u dan fid-dawl tal-fatt illi din il-presenza ma kienet issemmiet qabel minn hadd mill-partijiet involuti. Il-Qorti tifhem illi f'dawn ic-cirkostanzi, xi xorta ta' invesitgazzjoni *ad hoc* fir-rigward kienet mehtiega qabel setghet tmexxiet 'il quddiem b'mod serju, l-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat Alvin Pullicino.

Ghaldaqstant, mizmumin ferm il-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, il-Qorti hija ferm 'il boghod milli tkun moralment konvinta bil-partecipazzjoni tal-imputat Pullicino fil-kollutazzjoni li fuqha jinsabu msejsa l-imputazzjonijiet odjerni, bil-korollarju inevitabbli li wisq anqas ma tista' ssib htija ghar-reat li kkaguna hsara fil-gisem ta' Christian Muscat u jew Michelle Muscat, kif lilu addebitat.

Ikkunsidrat;

Izda fir-rigward tal-imputat Gavin Spagnol, minnufih jinghad illi ma jista' jkun hemm ebda ekwivoku simili dwar l-involviment tieghu fil-glieda li fiha allegatament wegghu Christian Muscat u Michelle Muscat. Il-Qorti rat il-filmat fuq id-DVD esebit fl-atti mill-Prosekuzzjoni (Dok. RM15[20]), liema filmat ittiehed minn camera li kien hemm istallata gewwa l-istabbiliment fejn inqala' l-incident in kwistjoni[21], u tosserva illi d-difiza tal-imputat Spagnol f'ebda mument ma cahdet illi l-persuni li jidhru gol-istabbiliment in kwistjoni huma effettivament l-istess imputat u s-siehba tieghu Kyra Mariah Scicluna. Ma jidhrix lanqas li hemm xi kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-persuna li tidher fil-filmat diehla fil-bieb tal-istess stabbiliment u tigi wkoll aggredita mill-imputat Spagnol, huwa l-allegat vittma Christian Muscat.

Peress illi l-camera li registrat il-filmat in kwistjoni kienet evidentement istallata gewwa l-istabbiliment fil-waqt illi l-kollutazzjoni sehhet fuq barra fil-parapett tal-

[20] Id-difiza taz-zewg imputati ezentat espressament lill-Prosekuzzjoni mill-htiega illi jitressqu bhala xhieda l-ufficjali tal-pulizija li elevaw dan il-filmat minn gol-istabbiliment relattiv.
[21] Vide xhieda tas-Superintendent Josric Mifsud, 27 ta' Novembru 2018.

istess stabbiliment, f'dan il-filmat ghalkemm ma jidhrux il-movimenti tal-persuni involuti fil-glieda, huma manifesti l-azzjonijiet tal-imputat Spagnol qabel u fil-mumenti inizzjali tal-glieda. Effettivament, jirrizulta illi d-difiza tal-imputat Spagnol hija pernjata kwazi esklussivament fuq l-allegazzjoni li l-azzjonijiet tieghu kienu rizultat ta' provokazzjoni da parti ta' Christian Muscat.

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni tal-imputat tista' tigi klassifikata bhala rizultat ta' provokazzjoni biss kemm il-darba jikkonkorru l-elementi kollha ravvizati fil-ligi, li tammetti l-iskuzanti tal-provokazzjoni fil-kaz ta' omicidju volontarju jew offiza volontarja fuq il-persuna *ex* Artikolu 227 u 230 tal-Kap. 9, jew fl-Artikolu 325 tal-Kap. 9 dwar hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor. Is-success ta' din id-difiza ggib maghha mhux liberazzjoni izda diminuzzjoni fil-piena wara sejbien ta' htija.

L-ingredjenti indispensabbli ghas-success ta' din l-iskuzanti huma pacifikatament ritenuti li huma s-segwenti: li l-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli, u li l-azzjoni provokanti u r-rejazzjoni ghaliha jridu jkunu sehhew fl-istess waqt.

F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela** gie deciz hekk in propositu:-

*"Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta ..."*

Is-subartikolu (c) tal-Artikolu 227 tal-Kap. 9 imbaghad jipprovdi illi sabiex provokazzjonijiet ohra jitqiesu bhala skuzanti, jehtieg li jissodisfaw ir-rekwiziti hemm

msemmija fosthom li r-raguni ghal dik l-azzjoni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt. Huwa ritenut illi l-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu u ghalhekk il-kriterju huwa wiehed oggettiv: il-bniedem ta' temperament ordinarju.

Applikat dan it-taghlim ghall-kaz odjern, wara li fliet id-depozizzjonijiet tal-allegati vittmi quddiem il-Qorti kif ukoll dak li xehdet Kyra Mariah Scicluna, u senjatament wara li rat attentament il-filmat esebit in atti, il-Qorti hija propensa illi taghti affidabbilita` lit-testimonjanza ta' Kyra Mariah Scicluna dwar il-movimenti tal-imputat Spagnol u ta' Christian Muscat ghall-finijiet tad-difiza tal-provokazzjoni, **anke ghaliex din hija sorretta mill-istess filmat**. Fir-rigward, ix-xhud Kyra Mariah Scicluna fissret fid-depozizzjoni taghha illi waqt li hi u l-imputat Spagnol kienu mexjin lejn l-istabbiliment in kwistjoni, raw lil Christian Muscat "*ma' arblu tad-dawl*" izda huma baqghu mexjin lejn il-hanut. Ix-xhud kompliet tghid li wara li dahlu fil-hanut, hija tara lil Muscat wara l-bieb tal-istabbiliment, "*kellu mobile f'idejh u kellu katina u beda jaghmel is-sinjali b'idu*", liema sinjali x-xhud eskludiet katergorikament u ripetutament waqt id-depozizzjoni taghha li kienu diretti lejha jew lejn l-imputat Spagnol, u fehmet minflok illi Muscat kien qed "*jghajjat lil xi hadd milli kien hemm … imbaghad infetah il-bieb tal-hanut*".

Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt illi l-imputat Spagnol u l-gharusa tieghu kienu konxji tal-prezenza ta' Christian Muscat barra fit-triq, u kienu raw lil Muscat jaghmel mossi barra l-hanut, huwa sorrett u evidenzjat mill-movimenti nervuzi taghhom gewwa l-hanut kif jidher mill-filmat, fejn l-imputat Spagnol jidher kontinwament ihares lejn il-bieb tal-hanut waqt li jidher ukoll icempel fuq il-mobile, hekk kif fil-pront jinfetah il-bieb tal-hanut u jidher Christian Muscat jipprova jidhol fl-istabbiliment.

F'dan il-kwadru ta' fatti kif jirrizultaw lill-Qorti, senjatament mix-xhieda in kontro-ezami tal-allegati vittmi, il-Qorti ma tqisx illi l-verzjoni taghhom dwar ir-raguni ghall-

presenza taghhom barra l-istabbiliment in kwistjoni tista' titqies bhala wahda verosimili u ma temminx li din kienet koincidenza. Mill-filmat in kwistjoni jirrizulta illi kuntrarjament ghal dak li xehed Christian Muscat, mhux minnu illi huwa dahal fir-restaurant fejn kien hemm l-imputat Spagnol, b'kumbinazzjoni, u lanqas m'hu minnu illi x'hin ra lill-imputat Spagnol ihares lejh, huwa dar biex jitlaq 'il barra biex jevita xi incident. Evidentement, **Muscat ma qabadx u telaq mill-hanut minn jeddu sabiex jevita l-inkwiet**, izda jirrizulta illi kif appena fetah il-bieb, l-imputat Spagnol kien pront tah daqqa ta' ponn u ghalaq il-bieb f'wiccu. Dan il-kuntrast bejn il-verzjoni tieghu u dak li jidher fil-filmat jikkonvinci lill-Qorti illi **Christian Muscat kien jaf li kien diehel fl-istabbiliment ghaliex kien hemm l-imputat Spagnol**. Kif diga` nghad, il-Qorti fehmet illi Muscat kien qed jistenna barra l-istabbiliment tant illi fil-filmat l-imputat Spagnol jidher itawwal diversi drabi barra l-bieb donnu jistenna lil xi hadd diehel, meta effettivament fil-pront jidhol fil-hanut Muscat innifsu.

Din il-konkluzjoni hija sorretta ulterjorment mill-verzjoni ta' Kyra Mariah Scicluna li xehdet illi Muscat kien qed jistenna quddiem il-bieb tal-hanut, verzjoni li twassal ukoll lill-Qorti sabiex temmen illi l-presenza ta' Michelle Muscat fuq il-post ma kienetx dovuta ghall-allegat dewmien ta' binha biex jixtri *take-away*, anke ghaliex Christian Muscat innifsu jghid illi l-glieda nqalghet hekk kif huwa **kien ghadu diehel jixtri mill-istabbiliment**. Barra minn hekk, Kyra Mariah Scicluna, li hija l-uniku xhud okulari tal-incident, xehdet illi Muscat kien jidher jaghmel sinjali lil xi haddiehor li kien barra, u Michelle Muscat tfaccat fuq il-post ftit sekondi wara li nqalghet il-glieda: *"kif hrigna mill-ewwel giet.*"[22]

Dan kollu jwassal lill-Qorti sabiex tqis illi l-azzjoni tal-imputat Spagnol, meta ta daqqa ta' ponn lil Christian Muscat huwa u diehel fl-istabbiliment wara illi evidentement kien qed jistenna barra l-istess stabbiliment jaghmel sinjali lil terza persuna, tista' tkun klassifikata bhala rizultat ta' provokazzjoni ghaliex jidher li kien gustifikat, anke minhabba r-retroxxena tal-konfrontazzjonijiet li kienu appena sehhew

[22] Fol. 57.

bejn dawn il-persuni u familjari taghhom, li janticipa xi perikolu ta' aggressjoni jew konfrontazzjoni mid-dhul gratuwit ta' Muscat gol-istabbiliment wara li, kif stabbilit, kien qed jistenna barra l-istess stabbiliment ihares lejn l-imputat u jidher isejjah lil terzi jigu fuq il-post.

Ikkunsidrat ulterjorment;

**Madanakollu, il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi hija biss din ir-rejazzjoni inizzjali tal-imputat Spagnol, li tista' titqies bhala sodisfacjentement ipprovokata bil-presenza u tlajjar fuq il-post ta' Christian Muscat, u bil-mossi tieghu.** Il-Qorti ma rriskontrat ebda prova ohra fl-atti li tikkonvinciha illi l-imputat Spagnol kien ipprovokat minn Christian Muscat **meta sussegwentement hareg ghalih fizikament minn gol-istabbiliment u aggredih ftit sekondi wara li kien ghadu kif tah daqqa ta' ponn f'wiccu u keccih minn gol-istabbiliment.** Ghalkemm mill-filmat m'huwiex car jekk Christian Muscat kellux katina f'idejh kif allegat minn Kyra Mariah Scicluna, **ma jidhrix li huwa ghamel xi mossa ohra li biha stieden lill-imputat ghall-glied <u>wara</u> li qala' d-daqqa ta' ponn minghand l-imputat u hareg mill-hanut, u lanqas jirrizulta illi kien hu li qabad jaghti lill-imputat Spagnol fil-bieb tal-hanut u wara, izda pjuttost il-kontra**.

Fil-fehma tal-Qorti, l-episodju setghet waqfet mat-tkeccija ta' Muscat minn gol-istabbiliment ghaliex wara kollox, l-imputat Spagnol kien ghadu gewwa l-hanut u mill-provi u mill-filmat, **ma jirrizulta l-ebda agir provokattiv iehor f'dak l-istess waqt, da parti ta' Christian Muscat**, li jista' jopera bhala attenwanti ghall-azzjonijiet tal-imputat Spagnol li, kif stabbilit, rega' hareg mill-istabbiliment u evidentement, infligga fuq Muscat il-griehi li jirrizulta li huwa subixxa. Iktar minn hekk, il-Qorti ma tqisx illi bniedem ta' temperament ordinarju kellu jkollu reazzjoni daqshekk vjolenti billi jkompli jaggredixxi lil Muscat ghaliex, kif inghad l-imputat kellu opportunita' li jevita li jerga' jaffrontah b'mod aggressiv u ma johrogx minn gol-istabbiliment u jkompli jsegwi l-inkwiet, u f'kull kaz, ma hemm xejn x'jiddemostra li

din il-konfrontazzjoni aggressiva kienet l-uniku mod kif l-imputat seta' jagixxi wara l-ewwel daqqa li kien doga` ta lil Muscat.

Din il-konkluzjoni l-Qorti waslet ghaliha wkoll wara li qieset illi x-xhud okulari Kyra Mariah Muscat ma ddeskriviet ebda agir provakattiv iehor da parti ta' Christian Muscat wara li hargu barra mill-istabbiliment u bdiet il-glieda, ghajr ghall-fatt illi skont hi, Muscat kellu katina f'idejh filwaqt li ommu kellha mazz cwievet ma' idejha[23]. Izda l-Qorti ma hijiex sodisfatta mill-kumpless tal-provi illi effettivament Christian Muscat kien qed igorr katina f'idejh, wisq anqas li huwa uza xi katina waqt il-glieda biex isawwat biha lill-imputat Spagnol. Barra minn hekk, il-griehi li soffra l-istess imputat, kif jirrizulta mic-certifikat mediku esebit a fol. 5, ma humiex daqshekk konsonanti ma' griehi rizultanti minn daqqiet ta' katina. Inoltre, ghalkemm l-allegazzjoni li Michelle Muscat kienet qed iggorr mazz cwievet f'idejha, m'hjiex wahda inverosimili, l-uniku xhud okulari tal-incidenti qalet li ma tafx jekk waqt il-glieda intlaqax xi hadd bil-mazz cwievet jew bil-katina.

Kwantu ghal Michelle Muscat, fil-fehma tal-Qorti ma hemm ebda prova kwalsiasi fl-atti illi hija agixxiet b'mod li pprovokat lill-imputat Spagnol, anke ghaliex huwa stabbilit illi hija waslet fuq il-post wara li l-imputat Spagnol u binha bdew jiggieldu. Ghaldaqstant, galadarba huwa wkoll mhux kontestat Michelle Muscat ma kienetx involuta fil-kollutazzjoni mill-bidu izda ndahlet ghaliex kien hemm binha involut, l-attenwanti tal-provokazzjoni fir-rigward taghha ma jistax jirnexxi.

Il-korollarju ta' dan kollu u wkoll tal-konkluzjoni illi l-imputat Pullicino ma kienx involut fl-eventi li fuqhom jinsabu msejsin l-imputazzjonijiet ta' offizi kkagunati lil Michelle Muscat u lil Christian Muscat, huwa illi l-imputat Spagnol wahdu ghandu jinstab hati li kkaguna l-offizi li talvolta jista' jirrizulta li garrbet l-istess Michelle Muscat kif ukoll, ghar-ragunijiet diga` fuq dettaljati, ghall-griehi li soffra Christian Muscat.

---

23

Il-Qorti hawnhekk thoss li ghandha tissenjala illi ghalkemm huwa manifest mill-filmat illi l-imputat Spagnol ta daqqa ta' ponn f'wicc Christian Muscat, liema azzjoni l-Qorti qieset diga` li kienet rizultat ta' provokazzjoni ingusta, ma jirrizultax mix-xhieda tat-tabib Dr. Aaron Schembri[24], li kien iccertifika l-griehi li soffra l-istess Christian Muscat u hareg ic-certifikat mediku esebit a fol. 6, illi l-vittma soffra feriti f'wiccu: l-unika offiza fir-ras giet kostatata **fuq in-naha ta' wara ta' rasu**[25] **u mhux fil-wicc**. Konsegwentement, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi l-offizi kollha li garrab f'gismu Christian Muscat, gew ikkagunati mill-imputat Spagnol **wara** li hareg 'il barra mill-istabbiliment u rega' aggredixxa lil Muscat, minghajr ma gew ravvizati l-estremi tal-attentwanti tal-provokazzjoni.

Ikkunsidrat;

Dwar l-allegat uzu ta' tornavit da parti tal-imputat Spagnol, il-Qorti ma tistax ma tiehux qies tal-fatt illi mic-certifikati medici esebiti in atti, konfermati mix-xhieda tat-tobba li harguhom rispettivament, jirrizulta illi sija Michelle Muscat u sija wkoll Christian Muscat garrbu *puncture wounds*. *A tempor vergine*, skont kif jirrizulta mill-verzjonijiet riprodotti fl-okkorrenza dwar l-incident li giet esebita fl-atti, iz-zewg vittmi semmew li qalghu enatrambi daqqiet b'tornavit minghand l-imputat Spagnol, filwaqt li Kyra Mariah Scicluna stqarret li l-imputat Spagnol kellu xi haga f'idejh, izda bil-qata' li kellha nesiet x'kellu[26]. Ghalkemm din l-arma irregolari ma jidhrix li nstabet fuq il-post, il-Qorti hija konvinta, anke wara li rat ir-ritratti tal-griehi fuq driegh Michelle Muscat[27], illi effettivament intuza f'din il-glieda xi mezz offensiv konsistenti f'arma bil-ponta u li tniggez sabiex gew ikkagunati talanqas il-*puncture wound* sofferta minn Michelle Muscat fi drieghha l-leminija, u l-offiza wkoll

[24] 3 ta' Mejju 2018.
[25] *"… abrasion on right occiput"*.
[26] Din il-verzjoni tikkuntrasta ma' dak li xehdet quddiem il-Qorti, fejn cahdet illi l-imputat Spagnol kellu xi haga f'idejh waqt il-glieda - fol. 58.
[27] Fit-12 ta' Ottubru 2017 - Dok. MM1 a fol. 40.

deskritta[28] bhala *puncture wound* fl-ispalla x-xellugija ta' Christian Muscat. Dawn il-griehi izda, gew klassifikati mit-tobba li nvistaw lill-imsemmija vittmi, bhala griehi hfief, u fil-kaz ta' Christian Muscat ukoll bhala superficjali u fic-cirkostanzi, il-Qorti sejra tqishom bhala tali izda bl-aggravanti tal-mezzi msemmijin fl-Artikolu 217[29] li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 221(2) tal-istess Kap. 9, isib riskontru wkoll f'kaz ta' sejbien ta' htija ghar-reat ta' offiza hafifa.

Illi kwantu ghall-fatt illi fin-nota tieghu tar-rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali ma indikax specifikatament l-Artikolu 221 tal-Kap. 9 li jipprospetta r-reat ta' offiza hafifa fuq il-persuna, il-Qorti tqis li huwa evidenti anke mid-definizzjoni tal-offiza ta' natura hafifa - li fl-istess Artikolu 221[30] hija mfissra bhala offiza li ma ggib ebda wahda mill-konsegwenzi ta' offizi li huma klassifikati bhala gravi jew gravissimi - illi dan ir-reat huwa wiehed minuri **li huwa kompriz fir-reati iktar gravi prospettati fl-Artikoli 216 u 218 tal-Kap. 9**.

Kif ritenut in propositu mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Borg** moghtija fl-10 ta' Novembru 2005:-

*"Illi ma hemmx dubju li r-rinviju ghall-gudizzju li jaghmel l-Avukat Generali ghandu jitqies bhallikieku hu att ta' l-akkuza, u hekk kif fuq att ta' akkuza, skond l-artikolu 467 (4) il-guri (jew il-Qorti) tista' ssib htija ta' reat jew reati izghar, basta li dan jew dawn ir-reati jkunu komprizi w involuti f' xi parti ta' l-att tal-akkuza, hekk ukoll il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tista' ma ssibx htija skond l-artikoli ndikati fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali imma ssib htija ta' reat jew reati minuri komprizi u involuti. Dan ghaliex ir-regoli imsemmija*

---

[28] Fic-certifikat mediku esebit a fol. 6.

[29] *"… strument li jaqta' jew iniggez."*

[30] 221(1) *L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu,titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għalżmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa.* (2) *Meta l-offiża ssir b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, il-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa seba' snin.Meta l-effett tal-offiża hu ta' importanza żgħira.*

*fis-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti lli japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha."*

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-imputat Spagnol ghandu jinstab hati li kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Christian Muscat u ta' Michelle Muscat, permezz ta' daqqiet bi strument li jniggez, u dan ai termini tal-Artikolu 221(1) u (2) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi l-punt li, fil-fehma tal-Qorti, fadal jigi dibattut u determinat, huwa jekk l-offiza sofferta minn Michelle Muscat f'imnehriha, certifikata bhala "*fractured nasal bones*"[31], ghandhiex titqies u tigi klassifikata bhala offiza ta' natura gravissima a tenur tal-Artikolu 218, jew ta' natura gravi a tenur tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9, kif indikat mill-Avukat Generali, jew bhala offiza ta' natura hafifa a tenut tal-Artikolu 221 tal-istess Kap. 9, kif wara kollox iccertifikat it-Tabiba Dr. Kelly Gatt[32]. Hawnhekk ghandu jigi mfakkar illi kif diga` stabbilit, Christian Muscat ma garrab ebda offiza li giet certifikata bhala gravi u kwantu ghall-*puncture wounds* certifikati fil-gisem ta' entrambi l-vittmi, il-Qorti kostatat illi dawn ghalkemm gew ikkagunati permezz ta' strument li jniggez, ma humiex ta' natura gravi.

Illi l-Artikoli tal-ligi kwotati mill-Avukat Generali b'referenza ghall-imputazzjonijiet odjerni, cioe` offizi ta' natura gravi f'diversi partijiet mill-gisem ta' Christian Muscat u Michelle Muscat, huma *inter alia* l-Artikoli 216 u 218[33]. Ghalkemm is-subincizi partikolari tal-imsemmija Artikoli ma gewx indikati specifikatament, huwa evidenti li r-referenza ghandha tkun ghas-subincizi (1)(a) u (b) tal-Artikolu 218 u s-subincizi (1)(a)(ii)(iii) u (b) tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi offiza hija gravissima fit-termini tal-Artikolu 218(1)(a) u (b) tal-Kap. 9:-

[31] Certifikat esebit a fol. 7.
[32] Xhieda tat-3 ta' Mejju 2018.
[33] Gie invokat ukoll l-Artikolu 217 riferibbilment ghall-mezzi li ntuzaw biex gew ikkagunati dawn il-feriti.

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*
*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

Illi mbaghad l-Artikolu 216(1)(a) u (b) jipprovdi hekk:-

*L-offiża fuq il-persuna hija gravi.....*
*(a) jekk tista' ġġib periklu –*
*....*
*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*
*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; ....*
*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;"*

Illi l-principji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' griehi ghall-fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament guridiku taghna, fejn jinsab ritenut pacifikatament illi:-

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad...). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad*

*ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[34]

Illi aktar minn hekk huwa stabbilit li l-Qorti tista' tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik tat-tobba. Dan il-principju gie affermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[35] fejn intqal illi:-

*"... **ghall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant** ... u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti.* [enfasi ta' din il-Qorti]

Illi dwar l-isfregju u mankament fil-wicc imsemmi fl-Artikoli 216 u 218 tal-Kapitolu 9, gie ritenut[36] illi:-

*"B'mankament fil-wiċċ il-ligi qed tirreferi għal kull deterjorament tal-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduċi sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". **Sfreġju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ**. Skont ġurisprudenza ormai pacifika, din il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin.* [enfasi ta' din il-Qorti]

Illi stabbiliti dawn il-principji u b'applikazzjoni taghhom ghall-kaz in ezami, il-Qorti trid tiddetermina jekk il-griehi sofferti minn Michelle Muscat f'imnehirha ghandhomx jigu klassifikati skont id-definizzjoni ta' xi wahda mid-dispozizzjonijiet imsemmija

[34] **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004.
[35] Deciza fit-12 ta' Settembru 1996

[36] Il-Pulizija vs Paul Spagnol, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali wkoll fit-12 ta' Settembru 1996.

mill-Avukat Generali u hawn fuq citati. Fil-fehma tal-Qorti, huwa fatt stabbilit li bhala rizultat tal-aggressjoni, l-imsemmija Michelle Muscat soffriet frattura f'imnehirha, liema offiza tidher b'mod evidenti bhala nefha u ferita fl-imieher fir-ritratti esebiti minnha stess. Ghalkemm hija xehdet illi sar CT scan fejn gie konfermat il-ksur f'imnehirha u illi giet ezaminata minn konsulent ghall-fini li possibbilment issirilha intervent kirurgiku f'imnehirha, ir-rizultati ta' dan l-intervent ma gewx esebiti u lanqas gie prodott bhala xhud l-istess konsulent sabiex jixhet ftit dawl fuq in-natura u l-permanenza o meno tal-offiza subita fl-imnieher, u lanqas ntalbet il-hatra ta' espert mediku biex, ghal dan il-ghan, jaghti lill-Qorti l-opinjoni medika tieghu. **Minn dan jikkonsegwi necessarjament illi ma ngiebet l-ebda prova li l-frattura fl-imnieher ikkaguna mankament, ghall-fini tal-Artikolu 216(1)(b) jew "*ikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem,* (fil-kaz in ezami fl-imieher jew il-wicc) *jew gab difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem"* jew seta' jgib perikolu ta' tali debulizza u/jew difett, kif rikjest ghall-finijiet tal-isfregju permanenti kontemplat mill-Artikolu 218 tal-Kap. 9**.

Izda, ghalkemm ma ghandhiex evidenza medika illi tista' twassalha biex tafferma illi dawn il-griehi illi garrbet Muscat effettivament jikkonstataw sfregju ta' natura permanenti ai termini tal-Artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tifhem illi l-permanenza o meno tal-offiza ma huwiex fattur essenzjali ghall-finijiet tal-isfregju kontemplat mill-Artikolu 216.

Dan gie pjenament konfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** deciza fil-5 ta' Frar 1998 fejn gie konstatat:

*"Mir-ritratti ezebiti u li ttiehdu ftit hin wara l-incident meritu ta' l-akkuza, jirrizulta bl-aktar mod car li dana Curmi soffra offizi ta' natura gravi fit-termini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Skond din id-disposizzjoni, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc.* ***Il-Ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari, sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew***

***f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghal finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni, il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejjha "Offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali.***" [enfasi ta' din il-Qorti]

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deciz fit-2 ta' Settembru 1999:-

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

Fil-kaz in dizamina, il-Qorti, wara li rat ir-ritratti tal-offiza f'imnieher Michelle Muscat (Dok. MM1[37]) u wara li rat in-nefha evidenti u l-fatt illi effettivament l-imnieher gie certifikat li gie fratturat u dan evidentement bhala konsegwenza tad-daqqa ta' sieq li qalghet f'imniehriha mill-imputat Gavin Spagnol, hija tal-fehma illi l-offiza tikkostitwixxi sfregju fil-wicc ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-konkluzjoni l-Qorti qed tasal ghaliha minkejja l-fatt illi t-tabiba tal-emergenza li ezaminat lill-imsemmija persuna offiza, xehdet illi n-natura tal-griehi kienet hafifa ("*slight*").

Ghall-kompletezza, u kwantu ghall-offiza li Michelle Muscat qalet li soffriet "*fil-muskoli u nervituri*" f'ghonqha u fl-ghadam tal-ispalla, il-Qorti minnufih tqis li ma

[37] Fol. 40.

ngabux provi sodisfacjenti u konvincenti dwar l-ezistenza ta' din l-offiza, wisq anqas li hija wahda gravi jew gravissima, u dan ghaliex it-tabiba li ezaminat lil Michelle Muscat fil-21 ta' Settembru 2016 ma jidhirx li kkostatat xi ferita kompatibbli[38], u lanqas hemm xi evidenza li turi li l-vittma kienet ilmentat dwar dan l-ugigh *a tempor vergine* jew li dan l-ugigh huwa konsonanti ma' xi wahda mid-daqqiet li hija ddeskriviet li garrbet waqt il-kollutazzjoni. Aktar minn hekk, ma gew prodotti l-ebda provi in sostenn tal-allegazzjoni taghha li tehtieg terapija jew xi intervent in konnessjoni mal-ilment taghha dwar l-ugigh fi spallitha u ghonqha.

Ghaldaqstant, l-imputat Spagnol sejjer jinstab hati talli kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Michelle Muscat kif prospettat mill-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9, biss kwantu ghall-frattura fl-imnieher.

Ikkunsidrat;

Illi ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti tosserva illi fiz-zmien meta gew kommessi r-reati addebitati lill-imputati, l-kienu ghadhom ma dahlux fis-sehh l-emendi introdotti permezz tal-Att XIII tal-2018 li awmenta konsiderevolment il-piena ghar-reati prospettati fl-Artikolu 216, 217, 218 u 221 u ohrajn, tal-Kodici Kriminali. Dawn l-emendi dahlu fis-sehh biss wara li giet istitwita l-azzjoni kriminali u kwindi waqt il-pendenza ta' dawn il-proceduri. Bl-applikazzjoni tal-principju tan-non retroattivita` tal-ligi kriminali sostantiva, dan ifisser illi ghall-fini tal-kaz in dizamina ghandhom jigu applikati, kwantu ghar-reati li taghhom qed tinstab htija fl-imputat Spagnol, il-pieni li kienu in vigore fil-21 ta' Settembru 2016, cioe` **prigunerija minn tliet xhur sa tliet snin** ghar-reat ta' offiza gravi fuq il-persuna a tenur tal-Artikolu 216 tal-Kap. 9, u **priguneria minn xaharejn sa sena** ghar-reat prospettat fl-Artikolu 221(2) tal-Kap. 9.

[38] A fol. 7.

Inoltre, in vista tal-fatt illi l-imputat Spagnol kellu fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati lilu addebitati u li taghhom qed jinstab hati, fedina penali kompletament netta, il-Qorti sejra teroga piena li toqrob lejn il-minimu. Fl-istess waqt, billi l-istess imputat qed jinstab hati li kkaguna feriti sija ta' natura hafifa u sija ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Michelle Muscat, il-Qorti tqis li ghandu jsib ukoll applikazzjoni fir-rigward, il-principju tal-konkorrenza formali tar-reati kif prospettat fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9, b'dan illi ghandu jinghata piena biss ghar-reat l-iktar gravi cioe` r-reat ta' offiza ta' natura gravi fuq l-imsemmija vittma.

**<u>DECIDE</u>**

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt li ma ssibx lill-imputat ALVIN PULLICINO hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u tilliberah minn kull htija u piena, wara li rat l-Artikoli 17(b) u 17(h), 214, 215, 216(1)(b), 217, 221(1) u 221(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lill-imputat GAVIN SPAGNOL hati, kwantu ghall-ewwel (a) imputazzjoni talli kkaguna offiza ta' natura gravi biss fuq il-gisem ta' Michelle Muscat, u kwantu ghat-tieni (b) u t-tielet (c) imputazzjonijiet talli kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Christian Muscat u Michelle Muscat billi xejjer daqqiet b'arma irregolari, u tikkundannah erba' (4) xhur prigunerija, izda, bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna illi din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' tnax (12)-il xahar mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Christian Muscat u Michelle Muscat, il-Qorti qieghda torbot lill-hati, cioe` lil GAVIN SPAGNOL, b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' elf u hames mitt Euro (€1,500) li ma jimmolestax lill-istess Christian Muscat u Michelle Muscat, u dan ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAGISTRAT.**